MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Numru 546/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Joseph Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Grech ta’ 54 sena imwieled Sliema bin Maurice u Alice nee’ Micallef residenti Naxxar detentur ta’ karta ta’ identita numru 562748(m) akkuzat talli:

1. F’dawn il-gzejjer fil-25 ta’ Novembru 1998 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond “Corriegaini” fi Triq il-Kappella tax-Xghari, Naxxar, jew bhala persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond b’mezzi

qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal Lm623.40 ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz;

2. fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku;

3. fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn apparat jew gumni uwzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti mitluba illi fil-kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan billi l-hati jhallas l-ispejjes tal-esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' sommarjament mhux oppost mill-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta' serq ta' kurrent elettriku, hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni b'konsegwenza ta' telf ta' kurrent elettriku, u hsara fl-apparat jew gumni uzati fil-provvista ta' kurrent elettriku. Igifieri, filwaqt li l-oneru tal-prova hu fuq l-imputat biex jirribatti l-presunzjoni mixhuta fuqu li qua detentur tal-fond jew il-persuna li kellha f'idejh il-kontroll tal-fond kien jaf bil-ksur jew il-mezzi qarrieqa li permezz taghhom ittiehed kurrent elettriku illegalment, ghar-rigward il-hsara allegata l-prova tibqa fuq il-prosekuzzjoni li jinkombi fuqha l-oneru li tipprova sal-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Id-difiza, u sakemm l-oneru hi fuqha, bizzejjed li tipprova sal-grad tal-probabbli.

Fil-kaz in ispecie u mx-xhieda prodotta, senjatament ta' Silvio Decelis, jirrizulta li l-allegata irregolarita immanifestat ruhha f'zewg perjodi li jkopru mid-19 ta' Ottubru 1994 sal-20 ta' Marzu 1995 meta kien hemm sbalz l-isfel fil-konsum. In propositu ghal dan, ix-xhud jghid ili: 'il-parti sostanzjali f'dan l-ammont li rrizultali li baqa dovut huwa konsegwenza ta' dawn iz-zewg items', u zied, li sa fejn kien jikkoncerna lilu ma setghax isib spjegazzjoni ghalihom. Issa prescindendo mix-xhieda tal-imputat jirrizulta anka minn qari superficjali tar-'record of consumption' li l-qari tal-konsum ghall-perjodu ta' dawk iz-zewg dati baqa l-istess li ghandu ghalhekk jispjega ghaliex il-qari abbinat ghad-data 2 ta' Marzu 1995 kien zero. Dan pero mhux kollox ghaliex l-qari li segwa immedjatament dan il-perjodu hu sostanzjalment ghola, f'xi cirkustanzi, b'kwazi d-doppju tal-konsum registrat f'kull perjodu.

Issa l-Qorti ghamlet ir-riflessjonijiet ta' hawn fuq stante li hi tal-fhema li jekk ma jirrizultax it-telf fil-konsum difficilment, f'dan il-kaz, tista' tirrizulta xi reita fl-imputat konsiderat li l-meter kien wiehed qadim u, ghalkemm l-imputat ilu jabita l-fond ghal kwazi 18-il sena millum, kien hemm persuni ohra li kienu jirrisjedu qablu tant li l-meter kien dak originarjament installat minn terzi.

Illi l-fatt li nstabu xi tertuqi inficcjati fil-meter ghandu l-piz tieghu izda fil-kaz in meritu u mill-inkjesta rrizulta li tali kienu ilhom hemm tant li l-espert tekniku kkummenta li kellhom trab li akkumula fuqhom.

Inghad dan ghalhekk il-qorti hi sodisfatta li l-preponderanza tal-provi taghti support ghal dak sostnut mill-imputat dwar li hu fl-ebda zmien ma ha konsum ta' elettriku illegalment. L-istess provi li juru wkoll, anz\i ma jurux, li l-imputat kellu x'jaqsam mat-tertuqi li nstabu fil-meter bil-konsegwenti hsara allegata u/jew telf ta' kurrent elettriku.

Konsegwentement u billi l-akkuzi ma rrizultawx pruvati tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

---------------------------------TMIEM---------------------------------